MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 586/2003

**Antoine Vassallo f'ismu proprio u esercenti n-negozju bhala "Antoine Auto Dealer"**

**vs**

**Ellen Rita Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur s-somma ta' seba' mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm784.62) rappresentanti l-import ta' tmintax-il kambjala esebiti ma'l-avviz u immarkati bhala Dokumenti 1 sa 18, liema kambjali gew iffirmati u accettati minnha u li d-data tal-maturita taghhom skadiet u baqghu ma thallsux. Inoltre l-konvenuta ghandha thallas l-ammont ta' Lm122.67 interessi fuq il-kambjali sal-31 ta' Lulju 2002 u in kwantu ghal Lm400 bhala hsarat minnha ikkagjonati fuq il-vettura lilha

mibjugha bil-*hire purchase*. Il-kambjali jirrapprezentaw il-prezz ta'l-istess vettura.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta ipprezentata fil-5 ta' Settembru 2003, fejn hija eccepiet illi:

1. It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi l-attur stess ha l-vettura in kwistjoni lura.
2. Illi l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenuta.
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba hija wahda esagerata.
4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn u bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Antoine Vassallo u Ellen Rita Tabone.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi l-konvenuta kienet akkwistat vettura minn ghand l-attur u ghal dan il-ghan kienu inharrgu diversi kambjali, fosthom dawk li jifformaw il-mertu ta' din il-kawza, kollha accettati u iffirmati mill-konvenuta. Illi n-natura tan-negozju li ta lok ghal hrug ta' dawn il-kambjali kien *hire purchase agreement* iffirmat bejn il-partijiet, liema ftehim jinsab esebiet a fol.41 tal-process bhala Dokument AV1. Illi wara xi zmien il-konvenuta waqqfet teffetwa l-pagamenti u cioe' waqqfet thallas il-kambjali u kwindi l-attur esiga illi hija tirritorna il-vettura lura u thallas il-kambjali dovuta sa dik id-data u cioe' sad-data tal-25 ta' Settembru 2001, meta gie iffirmat ftehim iehor bejn il-partijiet esebiet a fol.42 tal-process fejn l-konvenuta inoltre intrabet li taghmel tajjeb ghal hsarat li kien fiha il-vettura. Illi l-konvenuta taghraf il-firma taghha fuq dan id-dokument u tikkontendi illi huwa minnu illi hija ma setatx finanzjarjament tkompli taghmel il-pagamenti u kienet anke tallbet lill-attur sabiex inaqqsilha il-pagamenti mensili izda huwa irrifjuta. Tghid inoltre illi peress illi l-attur beda jibghat tlieta minn nies regolarment wara il-bieb ta' barra jinsistu ghal hlas, fl-ahhar hija bezghet u cediet u accettat li tirritorna il-vettura u li tiffirma d-dokument AV2. Tkompli tghid madanakollu illi hadd ma gieghla tiffirma

dan id-dokument, kienet fhiemet l-import tieghu u ma kenitx giet mhedda jew imwieghda xi haga sabiex tiffirma.

Illi n-natura ta’ kuntratt ta’ *hire purchase* jew dak imsejjah *pacta cum riservata domini* huwa tali illi l-proprjeta ta’l-oggett formanti parti dan il-ftehim jibqa’ proprjeta tal-bejjiegh sa meta l-kompratur ihallas il-prezz kollu.

Illi kif gustament gie deciz f’kawz fl-ismijiet Regina Auto Dealer Limited vs Miller Distributors Limited et.noe., deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Mejju 2002:

“In-natura intrinsika ta’ dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid ta’l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess ta’l-oggett ghall-kirja specifika, b’dan illi l-proprjeta ta’l-oggett ma tghaddiex ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx gie imhallas kollu. Il-venditur jibqa’ legalment konsidrat li hu is-sid ta’l-oggett u l-proprjeta tieghu ma tghaddiex lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat.”

Dana huwa fil-fatt rifless fil-ftehim originali iffirmat bejn il-partijiet (Dokument AV1 a fol.41 tal-process) u senjatament fil-klawsoli numri 3, 5 u 6 ta’l-istess. F’dawn il-klawsoli l-konvenuta accettat illi tirritorna il-vettura fl-eventwalita illi hija tonqos milli taffettwa l-pagamenti b’mod regolari. Kwindi l-attur kellu kull dritt jiehu l-vettura lura meta l-konvenuta naqqset illi tkompli taffettwa l-pagamenti.

Illi maghdud dan kollu, madankollu, jirrizulta ukoll illi gialadarba l-konvenuta iffirmat il-kambjali mertu ta’ din il-kawza, ma’l-iffirmar ta’l-istess mill-partijiet ikkoncernati, dawn jassumu hajja ghal kollox indipendenti mill-*causa obligationis* li tkun tathom il-hajja u it-traent ghandu dritt jagixxi abbazi ta’l-istess immaterjalment min-negozju jew ftehim li ikun gie iffirmat bejn il-partijiet.

Illi ghar-rigward tal-hsarat li kien fiha il-vettura meta din giet irritornata lis-sid, jirrizulta mid-Dokument AV2 illi l-konvenuta accettat meta iffirmat l-istess illi taghmel tajjeb ghal din il-hsara. Mill-provi ma jirrizultax illi l-konvenuta

giet mhedda sabiex tiffirma u kienet qed tifhem l-import ta’ dana id-dokument meta iffirmat l-istess. Inoltre ma jidhirx illi hija intavolat xi proceduri legali sabiex tattakka il-validita ta’l-istess u kwindi l-istess dokument huwa perfettament validu ai fini u effetti kollha tal-ligi. Madanakollu ghandu jinghad illi l-valur ta’ dawn il-hsarat ma jidhirx illi huwa inkorporat fit-talba u dana peress illi t-talba tidher illi hija ghall-ammont ta’ Lm784.62 u cioe’ ghall-ammont indikat fil-kambjali u xejn iktar ghalkemm fil-korp tal-avviz dana l-ammont jidher illi huwa indikat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa’ it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma ta’ seba mija u erbgha u tmenin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm784.62).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------